KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 31

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

It-Tlieta 23 ta' April, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is -Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dott. Dean Hili – Sindku Pembroke
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'

ASSENTI

Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

31.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Dean Hili, mis-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard, sabiex jinfurmawna li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa.

31.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

31.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 30 li nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

31.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai.

## 31.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Social Impact Assessment*

31.3.1 Il-President informa lill-membri dwar is-seminar li kien inżamm nhar it-Tnejn 8 ta' April 2024 bejn 11 ta' filgħodu u s-2 ta' wara nofsinhar ġewwa The Imperial, tas-Sliema.

31.3.2 Is-Sur Chircop irringrazzja lil dawn kollha li kienu preżenti għal dan is-seminar u spjega kif dan is-suġġett ser ikun qed jerġa jiġi diskuss fil-laqgħa Ġenerali Annwali biex il-ħidma fuq dan is-suġġett ma tieqafx hawn.

- *Laqgħa mad-Direttur Ġenerali*

31.3.3 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tnejn 22 ta' April 2024 ġejna msejħin għal-laqgħa mas-Sur Vassallo, sabiex dan ir-Reġjun jieħu sehem fl-Expo tas-servizz pubbliku f'Mejju 2024.

31.3.4 Is-Sur Chircop spjega kif peress li dan ir-Reġjun huwa r-Reġjun Kulturali 2024 u għandu diversi proġetti, ser ikun qed juża l-istand ġewwa l-MFCC nhar il-Ħamis 16 ta' Mejju 2024 minn-12:30pm sat-3pm.

- *Laqgħa Annwali Ġenerali*

31.3.5 Il-President fakkar lill-membri fuq din il-laqgħa li kienet ser tkun qed tinżamm nhar is-Sibt 27 ta' April 2024 ġewwa l-Intercontinental Hotel.

## 31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

31.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 31.5 Presentazzjoni

31.5.1 Il-President, is-Sur Chircop, stieden lill-Maniġer ta' l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, sabiex tagħmel il-preżentazzjoni tagħha lill-membri preżenti.

31.5.2 Is-Sa Borg Brincat spjegat kif hi flimkien mal-Maniġer tal-Fondi Lokali u ta' l-UE, Marija Vassallo, kienu qed jippreżentaw proposta lill-membri preżenti wara li kellhom laqgħa ma' rappreżentant mill-EIT Urban Mobility. Interessathom sejħa li tinsab miftuħa bl-isem 'Main Innovation Open Call 2025' fidhom wispjega l-isfidi li jinsabu fir-Reġjun. ħarġu bl-idea sabiex jiġu tackled żewġ sfidi. Hi spjegat li huma nfurmati li ħafna mill-Kunsilli Lokali għandhom vann ta' l-elettriku sabiex iwassal lir-residenti jgħamlu qadi fil-lokalità.

31.5.3 Is-Sa Borg Brincat spjegat kif huma qed jipproponu sabiex meta jkun hemm avveniment li qed jinżamm f'wieħed mill-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun, il-Kunsill Lokali jkunu jistgħu jipprovdu servizz ta' transport permezz tal-vann tal-Kunsill biex inaqsu mill-volumm ta' karozzi li jkunu qed imorru f'post wieħed. Tingħata prijorità lil dawk l-anzjani li għandhom problema ta' mobilità.

31.5.4 Għal din ir-raġuni huma ser ikunu qed jitolbu lill-Kunsilli jgħatuhom informazzjoni bażika dwar jekk il-Kunsill Lokali għandux vann tal-Kunsill, u jekk għandu, kemm għandu *seating capacity*.

31.5.5 il-membri preżenti qablu ma' l-idea wara dan il-proġett għalkemm tqajmu ċertu punti li wieħed irid iżomm f'moħħu, fosthom li l-vannijiet li għandhom il-Kunsilli Lokali huma żgħar (7 seaters) kif ukoll id-drivers tal-vann ma jaħdmux wraa l-ħinijiet uffiċċjali tax-xogħol.

31.5.6 Madanakollu, huma approvaw li dan il-kunċett għandu jiġi diskuss aktar fid-dettal.

31.5.7 Il-President irringrazzja lis-Sa Borg Brincat u ġiet skużata mill-laqgħa sabiex titkompla l-laqgħa.

## 31.6 Rapporti

31.6.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri kif għal din il-laqgħa kien qed jiġi mressaq ir-rapport tas-sena finanzjarja 2023 wara li l-finanzi ġew awditjati fil-bidu t'April 2024.

31.6.2 Is-Sa Galea infurmat li l-Accountant ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa sabiex tispjega fuq dan ir-rapport pero hi nfurmat lill-membri preżenti dwar ftit punti important relatati ma' dan ir-rapport.

31.6.3 Is-Sa Galea infurmat lill-membri kif wara l-Awditjar tal-Kunsill Reġjonali Lvant, l-aktar bidla importanti li l-Awdituri għamlu fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija li ma ħadux bħala dħul akkumulat fis-sena 2023 l-ammonti dovuti mill-PROs peress li l-kuntratt għadu ma ġiex iffirmat. Ladarba dan il-kuntratt jiġi ffirmat, l-ammonti ta' hawn taħt se jintwerew bħala bilanċ favorevoli fl-2024 li jappartjenu għall-kollezzjonijiet tal-2023:

| | |
|---|---|
| Ħlas ta’ Tipping għar-Riċiklaġġ | €2,678.29 |
| Ħlas għat-Tipping tal-Ħġieġ | €410.80 |
| Ħlas ta’ Ġbir Riċiklaġġ | €336,559.60 |
| Ħlas tal-Ġbir tal-Ħġieġ | €155,335.20 |
| **Total** | **€494,983.89** |

31.6.4 Allura għalkemm fl-2023, il-Kunsill Reġjonali tal-Lvant sofra telf operattiv, l-ammont ta’ hawn fuq ta' madwar nofs miljun Ewro se jitreġġa’ lura matul is-sena 2024.

31.6.5 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b’mod unanimu.

31.6.6 Il-President spjega kif ftit tal-ġimgħat ilu hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal laqgħa virtwali li kienet ġiet imsejħa mill-President ta’ l-AKL, is-Sur Mario Fava, fejn konna ġejna nfurmata li kien hemm qbil mill-PROs għal perjodi ta’ ħlas li għandu jsir lir-Reġjuni. Aġġornament dwar dan jingħata malli jkun hemm żvilupp dwar dan.

## 31.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta’ San Ġwann – Skala 13, FT*

31.7.1 Il-President informa lill-membri kif is-Sa Cardona għadha qed tistenna l-proċess tad-*detailing* jiġi konkluż sabiex tibda l-impjieg tagħha ma’ dan ir-Reġjun. Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Clerk/ Kaxxier fit-Tribunal Lokali ta’ San Ġwann – Skala 13, FT*

31.7.2 Il-President informa lill-membri din is-sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa 22 ta’ Marzu u l-bord kompost minnu flimkien mas-Sa Margaret Baldacchino Cefai, u s-Segretarju Eżekuttiv kienu preżenti sabiex inżammu l-intervisti nhar il-Ġimgħa 12 ta’ April 2024.

31.7.3 Is-Sur Chircop spjega kif is-Sur John Pillow informa li ma setax jattendi viċin id-data ta’ l-intervisti u madanakollu l-intervisti inżammu xorta waħda.

31.7.4 Is-Sur Chircop żied jgħid kif l-aħħar żewġ intervisti nżammu dalgħodu fejn kien preżenti wkoll Dott Dorian Sciberras. Il-Bord irrakomanda lis-Sur Graig Bonnici. Jekk dan ma jaċċettax il-bord irrakomanda lis-Sa Joan Stivala; 3. Is-Sur Kieran Henly; 4. Is-Sa Raisa Gauci.

31.7.5 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni.

31.7.6 Aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Office Cleaner – Scale 18 PT*

31.7.7 Il-President spjega kif is-Sur Dylan Cini kien nfurmana li ma xtaqx ikompli dan ix-xogħol u għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Jobsplus dwar dan. Peress li s-sejħa kienet sitt xhur ilu, il-proċess qed jitkompla bl-aħħar sejħa ta’ Jobsplus part 3.

31.7.8 Is-Sur Chircop spjega kif ġew sottomessi 13-il applikazzjoni li kienu eleġibbli u kif għal din ir-raġuni, il-bord kompost minnu bħala Chairman flimkien mas-Sindku ta’ l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai,

u s-Sindku ta’ l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv inzammu l-intervisti dalgħodu.

31.7.9 Is-Sur Chircop informa lill-membri preżenti kif b’kollox ġew intervistati 7 persuni u l-bord kien qed jirrakomanda lis-Sa Irina Camilleri. 2. Guadalupe Micallef, 3. Elizabeth Camilleri.

31.7.10 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

## 31.8 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

31.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar il-Ħamis 11 ta’April 2024 dan ir-Reġjun kien irċieva t-tieni allokazzjoni finanzjarja ta’ €166,666.66 għal din is-sena.

- *Kunsill Lokali Swieqi*

31.8.2 Il-President ressaq fuq il-mejda talba f’isem dan il-Kunsill sabiex l-avveniment li ser jinżamm nhar il-Ġimgħa 24 ta’ Mejju 2024 ikun parti mill-programm tar-Reġjun Kulturali 2024 peress li ser ikun ċelebrazzjoni tal-kulturi differenti bl-ambaxxati li jinstabu fir-Reġjun.

31.8.3 Is-Sindku ta’ l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, espremiet li bħala Kunsill kienu għamlu avvenimenti li trattaw dan is-suġġett u ma kienux bbenefikaw minn fondi għal dan il-għan.

31.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat il-ħsieb wara dawn il-proġetti relatati mat-titlu tal-Kultura u kif kull Kunsill Lokali dejjem jistà jressaq proposta jew ir-Reġjun jikkonsulta mal-Kunsill ikkonċernat fuq il-proġett li jkun ġie żviluppat mir-Reġjun.

31.8.5 Uħud mill-membri preżenti talbu sabiex ammont mill-fond ikun allokat għand il-Kunsilli Lokali biex jintużaw f’avvenimenti tal-lokalità.

31.8.6 Il-President informa li dawn il-fondi mhumiex skemi finanzjarji kif jinħarġu mir-Reġjun imma dawn huma fondi li jġorru responsabilità u ma jistgħux jitqassmu b’dan il-mod.

31.8.7 Wara diskussjoni fit-tul bejn il-membri preżenti kien hemm qbil sabiex l-ammont li nħareġ f’avvenimenti li diġa saru ma’ Kunsilli Lokali oħra jkun l-istess għal dawn il-Kunsilli li jixtiequ jgħamlu avveniment ta’ livell simili.

- *Rapporti ta’ kull kwart mingħand kull Maniger*

31.8.8 Il-President ressaq fuq il-mejda r-rapporti ta’ kull kwart tas-sena li għandu jiġi mressaq minn kull Maniġer fi ħdan ir-Reġjun, liema rapporti kienu ntbagħtu mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri qabel din il-laqgħa. Hu spjega kif ġimgħa qabel din il-laqgħa nżammet laqgħa ma’ kull Maniġer sabiex ir-rapport jiġi diskuss.

31.8.9 Is-Sur Chircop spjega kif fil-laqgħa mas-Sur Ryan Zammit esiġejna kemm irid jiġri wara l-kuntrattur kif ukoll wara l-Kunsilli Lokali u WasteServ fuq pagamenti pendenti. Esprimejna li jrid ikun hemm aktar xogħol *on the ground* u mhux kollox mill-uffiċċju. Għandu wkoll jibqa jiġi wara d-Divizjoni dwar l-issue tal-kondominiums u ċimiterji. Il-kuntrattur għandu jgħamel ukoll il-weigh bridge – u dawn irid jiġri warajhom.Tajjeb li wieħed jieħu nota li kien hemm ukoll warning uffiċċjali maħruġa mis-Segretarju

31.8.10 Eżekutti wara li kien hemm oġġezzjoni fuq rimarka fir-rapport preċedenti fejn hu ma kienx qed ikun flessibbli wara l-ħin tax-xogħol.

31.8.11 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda r-rapport tas-Sa Andrea Borg Brincat, fejn hu spjega kif waqt il-laqgħa li nżammet mas-Sa Borg Brincat, ġie ssuġġerit sabiex proġetti bħal *nest boxes* għandha tieħu ħsieb tavviċini entitajiet bħal Bird Life u Project Green bit-tama li jkun hemm kollaborazzjoni fuq dan il-proġett.

31.8.12 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda r-rappor tas-Sa Marija Vassallo, fejn hu spjega kif waqt il-laqgħa li nżammet mas-Sa Vassallo u spjega kif dfortunatament maġġoranza tal-Kunsilli Lokali għadhom qas biss għamlu laqgħa ta' introduzzjoni.

31.8.13 Is-Sur Chircop żied jgħid kif waqt din il-laqgħa ġie rrakomandat li għandha tkellem ukoll lil tal-PPCD mhux biss SEM u esprima kif hi għandha taħdem aktar sabiex ikun hemm ċans ta opportunita ta' Twinning. Ġie diskuss ukoll li għandha tinżamm laqgħa wara l-elezzjoni għal Kunsilliera fi ħdan ir-Reġjun sabiex ikun hemm direzzjoni minn SEM u SPI dwar kif wieħed għandu japplika għal fondi.

31.8.14 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda r-rappor tas-Sur James Hamberger, fejn hu spjega kif waqt il-laqgħa li nżammet mas-Sur Hamberger, għalkemm ir-rapport kien biss ta' xahar biss, hu spjega kif qed narawh produttiv ħafna u qed insibuh ta' għajnuna fil-programm li qed isir taħt ir-Reġjun tal-Kultura 2024.

- ***Tabelli ta' l-HSBC***

31.8.15 Is-Sur Chircop spjega kif kienet inżammet laqgħa mas-Sur Herbert Naudi (f'isem l-HSBC) sabiex tiġi miżjuda tabella li tirreferi għal-Kunsill Reġjonali Lvant taħt kull tabella ta' merħba fl-entratura u l-ħruġ minn kull lokalità.

31.8.16 Il-membri preżenti approvaw din it-talba u ser ikunu aġġornati ġaladarba jkun hemm żvilupp dwar din it-talba.

- ***Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara***

31.8.17 Il-President ressaq talba mingħand dan il-Kunsill Lokali fejn fiż-żewġ applikazzjonijiet tad-Development Planning Fund u li jkun b'kollaborazzjoni mar-Reġjun sabiex jibbenefika mill-fondi kollha

- Installazzjoni ta' Sinjal ta' Merħba fi Triq is-Sisla - €9,314.45
- Installazzjoni oħra ġewwa Triq San Giljan c/w Sir Anthony Mamo - €10,138.56

31.8.18 Dawn it-talbiet ġew milquha bil-kundizzjoni li jkun hemm il-logo u l-isem tar-Reġjun inkorporat fuq din it-tabella.

- ***Fondi tal-LESA***

31.8.19 B'referenza għal dawn il-fondi, il-President fakkar lil membri sabiex jaraw li l-Kunsilli Lokali jibbenefikaw minnhom fejn dan ir-Reġjun ghandu l-ammont ta' €100,000 fuq perjodu ta' sentejn.

31.8.20 Is-Sur Chircop żied jgħid kif l-Accounts Officer tar-Reġjun, is-Sa Marthese Grech, kienet bagħtet komunikazzjoni dwar x'intnefaq s'issa mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

31.8.21 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, xtaq iressaq domanda dwar il-fondi li kienu ġew imħabbra ftit ta' ġranet qabel din il-laqgħa minn Reġjun ieħor fejn il-Kunsilli Lokali li jappartjenu ma' dan ir-Reġjun

jistgħu jibbenifikaw minn fondi sabiex jinxtraw kameras tas-CCTV sabiex ċertu żoni fejn hemm problema bl-iskart, jiġu indirizzata.

31.8.22 Il-President spjega kif din kienet skema finanzjarja maħruġa minn dak ir-Reġjun partikolari u għalkemm is-Segretarju Parlamentari kienet preżenti, il-fondi kienu mill-allokazzjoni ta' dak ir-Reġjun u ma kienux fondi addizzjonali.

31.8.23 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif talbiet bħal dawn qatt ma ġew imressqa mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun. Madanakollu l-iskemi finanzjarji li kienu nħarġu minn dan ir-Reġjun kien hemm opportunità saibiex wieħed seta jgħamel użu mill-fondi għal dan il-għan.

## 31.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

31.9.1 Il- President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

31.9.2 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 28A u 28B.

31.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 31.10 Mozzjonijiet

31.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 31.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

31.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2024, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 13 ta' Mejju, 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |